**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 9 ta' Frar, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 25**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 25 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
25.5 Rapporti;
25.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
25.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
25.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
25.9 Aġġornament dwar il-Proġett ta' Triq it-Tempesta minn Infrastructure Malta;
25.10 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2021;
25.11 Aġġornament dwar il-Performance Bonus għas-Sena 2020 tas-Segretarju Eżekuttiv, Uffiċjal Eżekuttiv u Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
25.12 Aġġornament dwar is-Sistema ta' Permessi Online tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
25.13 Aġġornament dwar l-Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart;
25.14 Talba għall-Fondi t'Aġġustament għas-Sena 2021;
25.15 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

25.16 Skema ta' Għajnuna għal-Libreriji 2021 mir-Reġjun tan-Nofsinhar;
25.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
25.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-25 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2021 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

25.1.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia bagħat ittra jindika li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

25.1.2 Il-Kunsill Lokali laqa' din l-apoloġija unanimament.

## 25.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

25.2.1 Dwar Minuta 24.1.10.1, il-Kunsilliera Marion Parnis xtaqet tikkjarifika li hi riedet tgħid li mhijiex esperta fis-suġġett u mhux li ma xtaqitx titkellem.

25.2.2 Il-Minuti tat-23 Laqgħa u l-24 Laqgħa (b'urġenza) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

25.2.2.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 25.3, 25.4 u 25.5 jiġu diskussi wara Minuta 25.16 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 25.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

25.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol reġa' beda wara li diversi ħaddiema kellhom joqgħodu kwarantina minħabba l-Covid-19.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

25.6.1.1 Qal li għalkemm mexjin ftit bl-iskossi, ix-xogħol miexi xorta waħda.

25.6.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk għandniex data ta' meta ser jitlesta x-xogħol.

25.6.2.1 Is-Sindku wieġeb li jixtieq li x-xogħol jitlesta llum qabel għada, imma bħalissa l-iskuża prinċipali hija l-pandemija tal-Covid-19.

25.6.2.2 Fakkar li suppost ix-xogħol kellu jkun lest f'Mejju 2020, imma wara ħafna skossi fil-bidu tal-kuntratt, imbagħad faqqgħet il-pandemija li tefgħatna aktar lura.

25.6.3 Il-Viċi Sindku qal li l-uniku ħaġa li qed iddejqu huwa l-irdim li hemm fiż-żona, bis-Sindku jwieġeb li suppost dan għandu jibda jitneħħa fil-jiem jew ġimgħat li ġejjin.

## 25.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

25.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-problemi li kellna, issa mexjin b'ritmu mgħaġġel, tfasslet rutina u kollox miexi kif ippjanat.

25.7.2 Qal li ċertu xogħol qed jieħu l-ħin għaliex mill-iskavar sakemm jibda jittella' ħajt, hemm proċess pjuttost twil, imma qed inħaffu kemm nistgħu.

25.7.3 Fisser kif s'issa għad m'għandux data meta ser jitlesta x-xogħol, imma kull darba li tmur tkun tista' tara li kien hemm avvanz.

## 25.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

25.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar ġimgħat ingħatajna l-permess sabiex €6,000 li kien fadal mill-ewwel skema, naqsmuhom bejn l-ikel għall-cat feeders u cat shelters għal Triq Ġużè Cassar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

25.8.2 Spjega li konsenji tal-ikel inġiebu mhux ħażin, u fadal ftit flus oħra dwar dan.

25.8.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis ikkonfermat li ġaladarba jispiċċaw il-fondi tal-ikel ma nkunux nistgħu nġibu aktar.

25.8.4 Dwar it-tieni skema qalet li l-vawċers li ġibna minħabba neutering intużaw kważi kollha, imma l-problema issa hi li m'hemmx vawċers aktar.

25.8.5 Is-Sindku qal li mar iż-Żurrieq u Raħal Ġdid biex jara cat shelters differenti, u li kienu totalment differenti minn dawk li konna qed naħsbu aħna.

25.8.6 Qal li ser inġibu kwotazzjonijiet differenti biex naraw jekk jaqblilniex naħdmuhom aħna inkella jekk inġibuhomx lesti.

## 25.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' TRIQ IT-TEMPESTA MINN INFRASTRUCTURE MALTA

25.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill Lokali, dik li kienet mgħajta b'urġenża aktar kmieni dan ix-xahar, kellna wkoll preżenti Perit minn Infrastructure Malta.

25.9.2 Qal li minn dakinhar sal-lum beda jitneħħa l-ħajt fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

25.9.3 Żied, li matul il-programm "Insights" ta' nhar il-Ġimgħa li għadda fuq TVM, is-CEO ta' Infrastructure Malta Frederick Azzopardi, qal li bħalissa qed isir safety audit ta' din it-triq.

## 25.10 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2021

25.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li hemm żewġ persuni li kienu nnominati għal Ġieħ il-Qrendi.

25.10.2 Qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni tlaqqa' online u kulħadd seta' jivvota, fejn kien hemm ħames membri mill-Għaqdiet tal-lokalità, flimkien magħhom l-eletti mill-poplu.

25.10.3 Spjega li r-rappreżentanti tal-Għaqdiet kellhom 50% mill-vot finali, bil-50% l-oħra huma tal-membri eletti.

25.10.4 Żied li s-Segretarju Eżekuttiv, li aġixxa bħala s-Segretarju tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, ipprepara r-rapport finali li kien diskuss qabel bdiet il-laqgħa.

25.10.5 Ippropna li l-Kunsill Lokali għandu jimxi mal-proposta tar-rapport.

25.10.6 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan ir-rapport.

25.10.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-Onorifiċenzi li ser jingħataw fis-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2021.

25.10.8 Qal li dawn ġew diskussi fil-laqgħa mhux uffiċjali li saret qabel din il-laqgħa.

25.10.9 Il-s-Sindku ppropona li l-persuni li ġew imressqa għandhom jingħataw Onorifiċenza għal dak li kisbu fil-qasam tagħhom.

25.10.10 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 25.11 <u>PERFORMANCE BONUS GĦAS-SENA 2020 TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, UFFIĊJAL EŻEKUTTIV U CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

25.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-laqgħa tal-Kunsill Lokali tax-xahar li għadda kienet saret laqgħa mhux statutorja bejn il-membri eletti tal-Kunsill Lokali.

25.11.2 Qal li f'din il-laqgħa kienu diskussi l-performance bonuses tas-Segretarju Eżekuttiv, Assistent Prinċipal u Clerk tal-Kunsill Lokali.

25.11.3 Spjega kif f'dik il-laqgħa l-membri tal-Kunsill Lokali kienu ħarġu b'deċiżjoni dwar din il-materja.

25.11.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li dak li ġie diskuss f'dik il-laqgħa jkun approvat illum waqt laqgħa uffiċjali tal-Kunsill Lokali.

25.11.5 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 25.12 AĠĠORNAMENT DWAR IS-SISTEMA TA' PERMESSI ONLINE TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

25.12.1 Is-Sindku David Schembri għadda l-kelma lill-Kunsillier Charles Zerafa.

25.12.2 Il-Kunsillier Zerafa qal li saret laqgħa dwar sistemi ġodda li jista' juża' l-Kunsill Lokali fl-informatika.

25.12.3 Qal li minn din il-laqgħa ħareġ li 'App' tal-Kunsill Lokali jkollha bżonn ħafna manutenzjoni u ma tkunx vijabbli, filwaqt li tkellimna wkoll dwar aġġornament tal-websajt li għandna fil-preżent.

25.12.4 Spjega kif saret laqgħa aktar kmieni llum mal-persuna li tieħu ħsieb il-websajt, sabiex ikun hemm rinovar tagħha, filwaqt li jiżdiedu affarijiet oħra biex il-Kunsill Lokali jkun aktar intiż fl-informatika.

25.12.5 Żied li ser nippruvaw li jkollna aċċess li lil min irid, nibagħtlu notifiċi permezz ta' messaġġi, dwar toroq li ser ikunu magħluqa, u xogħol ieħor li jkun qiegħed isir mill-Kunsill Lokali.

25.12.6 Qal li qed jittama li l-websajt il-ġdida tiġi varata aktar tard din is-sena, bil-ħsieb ukoll li l-websajt tkun aġġornata mill-istaff tal-Kunsill Lokali.

25.12.7 Il-Kunsillier Zerafa qal li biex nagħmlu l-permessi online u l-SMS, irridu mmorru għand 'entitajiet terzi' inkella mmorru għand il-persuna li ser taġġorna l-websajt innifisha.

25.12.8 Kien deċiż li sal-laqgħa li jmiss tkompli d-diskussjoni dwar kif l-aħjar li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ssir il-ħidma minħabba t-'texting' u l-permessi online.

25.12.9 Is-Sindku David Schembri qal li jistenna aġġornament ieħor fil-laqgħa li jmiss dwar din il-materja.

## 25.13 AĠĠORNAMENT DWAR L-ESPRESSJONI TA' INTERESS – 'SMART SOLUTIONS' GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART

25.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-iskart huwa suġġett li qed jissemma' ħafna fuq livell reġjonali u nazzjonali.

25.13.2 Qal li jekk ikun immaniġġjat tajjeb, l-iskart jista' jkun riżorsa.

25.13.3 Żied li l-WasteServ nediet miżuri ġodda li qed jitfgħu xi ftit aktar pressjoni fuq il-kuntratturi.

25.13.4 Spjega kif fl-aħħar ġimgħat irċevejna komunikat mir-Reġjun tan-Nofsinhar fejn dawn għamluha ċara li ser jikkomunikaw mal-Contracts' Manager tal-Kunsilli Lokali u mhux mas-Segretarju Eżekuttivi jew ma' xi membri eletti.

25.13.5 Qal li filwaqt li bħala Kunsill Lokali għad m'għandniex Contracts' Manager, fil-preżent qed nitkellmu ma' Kunsilli Lokali oħra biex naraw jekk ningħaqdux flimkien u jkollna Contracts' Manager komuni.

25.13.6 Is-Sindku ssuġġerixxa li għandna nidħlu għall-iskema tal-iSmart Solutions, u talab lill-Viċi Sindku Patrick Bugeja, li f'idejh għandu r-responsabbilità tal-indafa fil-lokalità, sabiex jieħu ħsieb din l-espressjoni t'interess.

25.13.7 Barra minn hekk, is-Sindku qal li ser jagħti aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-Contracts' Manager fil-laqgħa li jmiss.

## 25.14 TALBA GĦALL-FONDI T'AĠĠUSTAMENT GĦAS-SENA 2021

25.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li qed jgħaddi l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

25.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Fond t'Aġġustament dejjem ħaseb sabiex Kunsilli Lokali li jbatu fuq xi punt jew ieħor tal-allokazzjoni jingħataw fondi minn dan il-Fond partikolari.

25.14.3 Qal li sal-laqgħa li jmiss ser ikun qed jagħmel elenku ta' fejn u għaliex għandna nitolbu aktar fondi t'aġġustament, għaliex it-talba trid tiddaħħal sal-31 ta' Marzu, 2021.

## 25.15 SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2021

25.15.1 Is-Sindku David Schembri qal li jinsab konfuż dwar jekk għandniex norganizzaw attività kulturali jew le.

25.15.2 Qal li kull ħaġa li ssir trid issir skont il-miżuri ta' mitigazzjoni tal-pandemija tal-Covid-19.

25.15.3 Is-Sindku qal li rridu nħarsu lil hemm minn attivitajiet tal-massa, u allura forsi jista' jsir xi kunċert online.

25.15.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li tista' ssir attività fuq barra u jkun hemm big screen għal dawk li jkunu jixtiequ jsegwu minn ċertu distanza.

25.15.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li għandna nippjanaw li ssir attività bejn Ottubru u Diċembru 2021, għax dawk huma t-tliet xhur li jkunu nieqsa mill-attivitajiet fil-lokalità.

## 25.16 SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL-LIBRERIJI 2021 MIR-REĠJUN TAN-NOFSINHAR

25.16.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser jingħataw €500 mir-Reġjun tan-Nofsinhar bħala għajnuna finanzjarji lil-libreriji lokali.

25.16.2 Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsilliera Marion Parnis, responsabbli mill-qasam edukattiv, ser tkun qed tkellem lil-librara sabiex tieħu idea kif l-aħjar għandna nmexxu u kif għandna nużaw dawn il-fondi tar-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Reġjun tan-Nofsinhar.

25.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

25.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar dicussion paper maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent dwar camping caravaning u picnicing sites fil-Gżejjer Maltin, fejn jissemma' l-Qrendi minħabba l-kosta tiegħu.

25.3.1.1 Qal li fuq il-karta kollox jidher sabiħ, imma rridu naraw x'effett ser ikollha fuq il-lokalità.

25.3.2 Is-Sindku tkellem dwar talba minn residenta fi Triq Santa Katarina, u dan fid-dawl li qed jgħaddu l-karozzi u joborxulha l-faċċata.

25.3.2.1 Qal li din qed titlob li jsiru tliet bollards, u ser tieħu ħsieb l-ispejjeż hi.

25.3.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li jekk kemm-il darba mhux ser jostakolaw it-triq, ma ssibx oġġezzjoni li jsiru, biss jintalbu ritratti tal-faċċata tad-dar u tal-parti tat-triq inkwistjoni.

25.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-petizzjoni li bagħat il-Kunsill Lokali lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp li hemm ippjanat li jsir fi Triq il-Kurat Mizzi, kif ukoll dwar applikazzjoni li hemm quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar fi Triq l-Iskola.

25.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq Sant'Anna u qal li x-xogħol miexi ġmielu, biss hemm żewġ żoni minn fejn ma jgħaddiex il-paver u allura ser isir bl-imprint concrete.

25.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-bandli tal-Ġnien tal-Warda.

25.3.5.1 Qal li x-xogħol miexi ġmielu, it-tapit kważi lest imbagħad wara jsir il-fencing madwar il-bandli kollu.

25.3.5.2 Fisser kif l-apparat tal-bandli mixtri u jinsabu f'postu, filwaqt li tqiegħdu żewġ bins milli ngħatajna mill-Cleansing Services

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Department.

## 25.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

25.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsillieri preżenti.

## 25.5 RAPPORTI

25.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 25.17 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

25.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €36,016.13 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/21 u €73.33 skont il-*Petty Cash* Ref Y/1.

25.17.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

25.17.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

25.17.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 25.18 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

23.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:45 u ġiet aġġornata għat-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Tlieta 16 ta' Marzu, 2021 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |